11 ta' Ottubru, 1963.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Charles sive Carmelo Galea et.

*versus*

Periti Architetti Oscar Caruana Montalto et.

**Ċitazzjoni Kollettiva**

*Iċ-ċitazzjoni kollettiva hi ammissibbli meta d-diversi persuni li jidhru bħala atturi jitolbu s-soluzzjoni ta' kwistjoni ta' dritt waħda u identika u jkun eskluż 'a priori' illi għas-soluzzjoni tagħha b'mod anzikke' milli b'mod ieħor tista' tikkonkorri kwalunkwe ċirkostanza ta' fatt speċjali għal xi wieħed jew ieħor mill-atturi.*

*Il-persuna li b'dannu tagħha issir fatt illeċitu għandha azzjoni diretta kontra min effettivament jikkommettieh.*

*F'dan il-każ il-fatt allegat għab-bażi ta' l-azzjoni kien fatt materjali illegali imputat lill-konvenuti.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni; billi l-attur Galea inkariga lill-periti konvenuti biex jibnulu l-ġebel ta' dar f'Old Railway Road, Ħal-Balzan fuq plot numru dsatax u f'parti fuq plot numru għoxrin fil-pjanta tal-Gvern u l-periti konvenuti bnew

l-istess dar skond pjanta approvata mill-istess attur iżda bnewha fin-nofs taż-żewġ plots b'mod li ħallewlu fuq kull naħa tad-dar art li lilu ma tiswielux għall-prezz li biha ħa l-art b'subċens mingħandhom bl-erbatax il-xelin il-qasba, waqt li fuq in-naħa tax-xellug għal min iħares lejn id-dar minn barra l-art li ħallewlu mhux mibnija taħbat kontigwa ma art oħra skuntrata ta' l-istess periti jew ta' ħuthom; u billi wara l-konvenju għax-xiri taż-żewġ plots il-konvenuti xtaqu u talbu li jerġgħu lura mill-istess konvenju billi xtaqu jagħtuh biss plot waħda, u billi fuq il-parti retroposta talbini ċioe fil-ġnien il-konvenuti daħlu fuq art ta' ħaddieħor u ċioe ta' l-attur Anastasi u, l-atturi, (wara li l-attur Anastasi nterpella lill-attur Galea biex jirrimedja kemm għat-tressieq tal-ħajt tal-ġnien għall-linja divisorja u għat-tneħħija tal-ħamrija li l-periti konvenuti xeħtu fuq l-art ta' l-attur Anastasi) ftehmu li hu xieraq bejn ġirien li se jaħbtu ħdejn xulxin u fuq ħaġa faċilment rimedjabbili li l-istess periti għandhom jirrimedjaw għall-aġir tagħhom u dan mill-aktar fis possibbili billi l-attur Anastasi ma jistax jibni u qiegħed isofri danni u ilu li avża lill-periti konvenuti kważi sena li l-aġir tagħhom kien ħażin; — jitolbu illi l-konvenuti jkunu kundannati jirrimedjaw fi żmien qasir u perentorju li tiffissalhom dina l-Qorti għall-aġir tagħhom billi jneħħu l-ħamrija li xeħtu fuq l-art ta' l-attur Anastasi u jressqu l-ħajt tal-ġnien li għandu jimbena fuq linja divisorja bejn l-art ta' l-atturi; u in difett li jagħmlu dan kollu, jekk jgħaddi inutilment it-terminu li tagħti l-Qorti l-atturi jkunu awtorizzati jagħmlu xogħol huma, fiż-żewġ talbiet dejjem għasspejjeż tal-konvenuti, u okkorrendo taħt id-direzzjoni talperit li jiġi nominat mill-Qorti; Salva kull azzjoni ta' l-attur Galea kontra l-konvenuti għal oġġetti oħra barra l-kwistjonijiet fuq imsemmijin tal-ħajt u tal-ħamrija u kull azzjoni għad-danni favur l-attur l-ieħor kontra l-istess konvenuti. Bl-ispejjeż b'dawk tal-protest tal-14 ta' Jannar, 1963; kif

ukoll bl-ispejjeż ta' l-ittri uffiċjali li saru bejn l-istess atturi.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha eċċepew, preliminarjament, li l-atturi ma setgħux junixxu ruħhom u jagħmlu kawża b'ċitazzjoni kollettiva, kif iddeċidiet dina l-Qorti in re Azzopardi vs. Micallef noe, fis-16 ta' Diċembru, 1953 (Vol. XXXVII. II. 810). Għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla; fil-meritu u bla preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni, id-domandi huma (a) għar-rimozzjoni ta' ħamrija li tul ix-xogħol ta' l-attur Galea ntefgħet f'art ta' l-attur l-ieħor Anastasi, u (b) demolizzjoni u rikostruzzjoni ta' biċċa żgħira ta' ħajt ta' ġnien bejn il-proprjeta ta' l-attur Galea u proprjeta ta' ħut il-konvenuti li m'humiex fil-kawża tar-rimozzjoni tal-ħamrija u li jmissha saret mill-attur Anastasi kontra l-attur l-ieħor Galea, għax il-ħamrija kienet ta' Galea, u tal-volta ġiet mitfugħa fuq art ta' Anastasi, u ma jistax l-attur Galea jinverti l--posizzjoni u jsir attur flimkien ma' Anastasi biex iġiegħlhom ineħħu l-ħamrija: l-azzjoni diretta kellha tkun kontra Galea, u dan talvolta kien talvolta jsejjaħ lilhom, jekk jidhirlu, li t-trasposizzjoni tal-ħajt ma tirrigwarda b'ebda mod lill-attur Anastasi, u fuq dan il-ħajt Anastasi ma jistax jitlob dak li talab fiċ-ċitazzjoni, ċioe li huma jneħħu l-ħajt u jibnuh f'ta ħuthom. Anastasi ma jista' qatt jippretendi li jagħmel xogħol hu fuq dan il-ħajt, għax ma jirrigwardahx. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' April. 1963 li biha laqgħet il-preġudizzjali sollevata mill-konvenuti. u ddikjarat illi l-azzjoni ta' l-atturi b'ġudizzju kollettivi ma hijiex ammissibili, u illi bħala tali l-istess hija nulla, bl-ispejjeż kontra l-atturi, wara li kkunsidrat fuq din il-preġudizzjali:

Illi mhux f'dubbju li ċ-ċitazzjoni timporta dik li fid-

dottrina tissejjah ċitazzjoni kolettiva. Il-pretensjoni dedotta biha mill-atturi, kif jidher mill-istess ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni annessa magħha u kif huwa aħjar spjegat fid-deposizzjoni ta' l-atturi, hija li l-konvenuti bħala direturi b'inkarigu ta' l-attur Galea, fix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-fond tiegħu, fuq art proprjeta ukoll tiegħu, f Old Railway Road, Ħal Balzan, bi żball tagħhom daħħlu in parti, għal ftit piedi, fuq art proprjeta ta' l-attur Anastasi u bnew il-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ proprjetarjiet fuq art proprjeta esklussiva ta' l-attur Anastasi; u b'konsegwenza tal-istess żball, il-ħamrija li nqalgħet biex isir l-pedamenti għall-kostruzzjoni tal-fond ta' l-attur Galea tefugħa fuq l-art proprieta ta' l-attur Anastasi. In bażi għal din il-pretensjoni, l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuti bħala konsegwenza ta' l-aġir tagħhom jiġu kundannati jneħħu l-ħamrija li xeħtu fuq l-art ta' l-attur Anastasi, u jressqu l-ħajt imsemmi għall-linja divisorja bejn l-art proprjeta ta' l-attur Galea u dik proprieta ta' l-attur Anastasi fi żmien li tistabilixxi dina l-Qorti, u in difett, li huma jiġu awtorizzati jesegwixxu x-xogħol għasspejjeż tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti jallegaw li l-atturi ma setgħux junixxu ruħhom u jagħmlu din il-kawża b'ċitazzjoni kollettiva, billi l-kawża għar-rimozzjoni tal-ħamrija kien messu għamilha l-attur Anastasi kontra l-attur Galea, li l-ħamrija hija tiegħu, u dan, talvolta, isejjħilhom fil-kawża jekk ikun jidhirlu; u l-kawża ma tirrigwarda b'ebda mod lill-attur Anastasi, li ma jistax jitlob huwa li jiġu kundannati jiddemolixxu l-ħajt u in difett li jiddemolih hu minflokhom u jikkostruwieh fejn jippretendi li effettivament għandu jimbena.

Illi fis-16 ta' Diċembru, 1953, bis-sentenza fil-kawża in re "Azzopardi vs. Micallef", dina l-Qorti, fuq l-iskorta ta' l-insenjament prevalenti tad-dottrina u l-ġurisprudenza in

propositu, irriteniet illi għall-ammissibbilita tal-ġudizzju kollettiv huwa meħtieġ mhux biss li l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma ukoll li l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun komuni; jiġifieri li ċ-ċitazzjoni kollettiva hija ammissibbli kull darba li diversi persuni li jiffiguraw bħala atturi, jipproponu azzjoni biex jirrisolvu kwistjoni ta' dritt uniku u identiku, u jkun eskluż "a priori" illi mir-risoluzzjoni ta' l-istess kwistjoni, f'sens jew ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkostanza ta' fatt speċjali għal wieħed jew l-ieħor minn dawn il-persuni atturi. Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilita b'ġudizzju kollettiv il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improċedibili, bħala null;

Illi skond dawn il-prinċipji hekk enunċjati, dina l-qorti hija tal-fhema li fil-każ in ispeċie ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti għall-proponibilita ta' l-azzjoni, kif intentata mill-atturi, b'ġudizzju kollettiv. Infatti, għalkemm sa ċertu punt il-kwistjoni ta' dritt li trid tiġi riżoluta f din il-kawża tista' tiġi kunsidrata bħala unika u identika għal kull wieħed mill-atturi, dik jiġifieri biex il-ħamrija tiġi rimossa minfejn ġiet imqegħda u li l-ħajt jiġi demolit minn fejn ġie mibni u rikostruwit band'oħra, ma hemmx fl-atturi l-identita u l-kommunanza ta' l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett ta' l-azzjoni proposta, fis-sens li f'dan il-każ għar-risoluzzjoni ta' din il-kwistjoni ta' dritt jikkonkorru ċirkostanzi ta' fatt speċjali għal kull wieħed miż-żewġ atturi. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, huwa żgur, bħalma jissottometu l-konvenuti li l-attur Anastasi rigward il-pretensjoni għar-rimozzjoni tal-ħamrija u t-trasposizzjoni tal-ħajt ma għandux azzjoni diretta għax jonqsu t-titolu, relativ, kontra tagħhom, imma talvolta għandu din l-azzjoni kontra l-attur Galea għaliex għax-xogħol li sar taħt id-direzzjoni tagħhom, lamentat mill-atturi, ċioe x-xħiet

tal-ħamrija u l-bini tal-ħajt, il-konvenuti huma direttament responsabbli biss lejn l-attur Galea, li nkarigalhom jew ippermetta li huma jieħdu dik id-direzzjoni ta' xogħol: responsabbli direttament rigward l-istess pretensjoni versu l-attur Anastasi huwa biss l-attur li fit-23 ta' Jannar, 1963, interpella uffiċjalment lill-attur Galea biex iħott il-ħajt u biex ineħħi l-ħamrija.

Illi l-konvenuti jopponu ruħhom għall-kumulu tal-ġudizzju, u għalhekk minħabba din l-opposizzjoni ċ-ċitazzjoni għandha tiġi dikjarata mproċedibbili.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata fejn iddikjarat l-azzjoni tagħhom nulla billi l-eċċezzjoni tal-konvenuti appellati li ċ-ċitazzjoni hi nulla tiġi miċħuda bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra l-istess appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu li dik is-sentenza hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż anki ta' din l-istanza.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

Fid-dottrina u l-ġurisprudenza estera ġiet diskussa ħafna u varjament riżoluta l-kwistjoni ta' l-hekk imsejħa ġudizzji kollettivi jew taċ-ċitazzjoni kollettiva. Fil-ġurisprudenza tagħna jidher li l-ewwel darba li din il-kwistjoni ġiet studjata "funditus", kienet fil-kawża "Azzopardi vs Micallef", deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha fis-16 ta' Diċembru, 1953. F'dik is-sentenza dik l-Onorabbli Qorti kienet akkoljiet sostanzjalment bħala s-soluzzjoni l-aktar aċċettabbli u korretta dik propunjata minn Enrico Caberlotto fid-Diġesto Italiano (Voce "Citazione (Proc. Civ.)" Vol.

VII Parte Seconda p. 76 § 26) fis-sens illi ċ-ċitazzjoni kollettiva hi ammissibbli meta d-diversi persuni li jidhru bħala atturi jitolbu s-soluzzjoni ta' kwistjoni ta' dritt waħda u identika u jkun eskluż 'a priori' illi għas-soluzzjoni tagħha b'mod anzikke milli b'mod ieħor tista' tikkonkorri kwalunkwe ċirkostanza ta' fatt speċjali għal xi wieħed jew ieħor mill-atturi (Kollez. Vol. XXXVII, II, 810).

Din id-dottrina ġiet applikata mill-ewwel Qorti anki f'din il-kawża u din il-Qorti jidhrilha li għandha taqbel ma dik is-soluzzjoni ta' prinċipju. Iżda bir-rispett kollu ma tħossx li tista' taqbel ukoll mal-konklużżjoni li waslet fiha l-ewwel Onorabbli Qorti rigward l-applikabbilita ta' dik id-dottrina għaċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti.

Il-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni, li minhom il-kawża toriġina, jidhru li jistgħu jiġu rikapitolati b'dan il-mod. L-attur Galea, proprjetarju ta' żewġ siti ta' art għall-bini, inkariga lill-konvenuti biex, bħala periti, jibnulu dar fuqhom. Fl-eżekuzzjoni ta' dan l-inkarigu l-konvenuti nvadew art viċina ta' l-attur l-ieħor Anastasi billi bnew ħajt divisorju oltre l-linja xierqa bejn iż-żewġ proprjetajiet u oltre dan xeħtu ħamrija maqlugħa mill-art ta' l-attur Galea fuq art ta' l-attur Anastasi. In bażi għal dawn l-allegati fatti mputati lill-konvenuti, l-atturi talbu li l-istess konvenuti jkunu kkundannati li jirrimedjaw għall-aġir tagħhom billi jressqu l-ħajt diviżorju fuq il-linja medjana u jirimwovu l-imsemmija ħamrija, u, in difett, li l-atturi stess ikunu awtorizzati li jagħmlu huma x-xogħolijiet meħtieġa.

Fl-applikazzjoni tal-prinċipju dottrinali hawn fuq imsemmi għall-fatti speċje, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonċediet illi "sa ċertu punt il-kwistjoni ta' dritt li trid tiġi riżoluta f'din il-kawża tista' tiġi kunsidrata bħala unika u identika għal

kull wieħed mill-atturi. Din il-kwistjoni hi jekk il-konvenuti — suppost veru l-fatt allegat illi huma użurpaw (sija pure bi żball) art ta' l-attur Anastasi u ngombraw art tiegħu lle-galment — għandhomx skond il-liġi l-obbligu li jirrintegraw l-użurpazzjoni u jneħħu l-ingombru.

Iżda l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li ma jirrikorrix ir-rekwiżit l-ieħor impost mill-imsemmi prinċipju, għaliex dik il-Qorti dehrilha illi ma hemmx fl-atturi l-identità u l-kommunanza ta' interess derivanti mit-titolu u l-oġġett ta' l-azzjoni proposta, in kwantu li għar-riżoluzzjoni ta' l-imsem-mija kwistjoni ta' dritt jikkonkorru ċirkostanzi ta' fatt speċ-jali għal kull wieħed miż-żewġ atturi. Ir-raġuni li semmiet l-ewwel Onorabbli Qorti li ġagħlitha tasal f'dik il-konklużżjo-ni kienet illi għar-rimozzjoni tal-ħamrija u t-traspożizzjoni tal-ħajt, l-attur Anastasi ma għandux azzjoni diretta kontra l-konvenuti għax jonqsu t-titolu relativ, imma hu talvolta għandu azzjoni kontra l-attur Galea għaliex mill-atturi, ċioe ix-xhit tal-ħamrija u l-bini tal-ħajt, il-kon-venuti huma direttament responsabbli biss lejn l-attur Galea li nkarigahom jew ippermetta li huma jieħdu dik id-direz-zjoni ta' xogħol. Kwindi responsabbli direttament lejn l-attur Anastasi rigward dik il-pretensjoni huwa l-istess attur Galea.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ir-raġonament mhux kor-rett. Il-fatt allegat għab-bażi ta' l-azzjoni huwa fatt materjali illegali imputat lill-konvenuti. Dan il-fatt — dejjem, s'inten-di, jekk veru — ma kienx u ma satax ikun, rientrante fir-relazzjonijiet kontrattwali bejn l-attur Galea u l-konvenut, l-ewwel wieħed bħala proprjetarju u kommitttent u l-oħrajn bħala periti u intraprendituri. Ir-raġuni ovvja hi illi fatt illeċitu ta' użurpazzjoni u ngombru ta' art ta' ħaddieħor ma satax, legalment, qatt jifforma l-materjal ta' konvenzjoni jew kuntratt. Kif sewwa rrilevaw l-appellanti fil-petizzjoni

ta' l-appell, l-azzjoni ma hix "ex contractu" għall-attur Galea u "ex delicto" għall-attur Anastasi. Bażi unika ta' l-azzjoni hu l-allegat fatt illeċitu jew "kważi delitt" addebitat lill-konvenuti, persuni normalment idoneji u kompetenti biex jintraprendu l-inkarigu lilhom kommess.

Issa ma jidherx li jista' jkun hemm dubju, in massima, illi l-persuna li b'dannu tagħha isir fatt illeċitu għandha azzjoni diretta kontra min effettivament jikkommettieh. Anzi hu ċar illi l-azzjoni tagħha hi prinċipalment u direttament appuntu kontra dik il-persuna. Hekk, per eżempju, kif ġie deċiż bosta drabi, jiġri fil-każ ta' spoll jew turbativa ta' pussess. Il-persuna spoljata jew molestata tista' taġixxi kontra min materjalment ikkommettihom għad li tista' taġixxi ukoll kontra min ikkmanda jew ippermetta li jiġu kommessi (ara p.e. Vol. XXXIII, I, 451, XXXVI, I, 295). Il-fatt allegat fil-każ preżenti kontra l-konvenut ma għandu ebda relazzjoni neċessarja mal-fatt tal-proprjeta f'Galea tas-siti adjaċenti jew tal-ħamrija u ma hu bl-ebda mod allegat mill-konvenuti li huma għamlu dak li għamlu b'ordni jew inkarigu ta' Galea.

Il-konvenuti jippretendu illi Anastasi messu aġixxa kontra Galea għar-rimozzjoni tal-ħamrija "għax il-ħamrija kienet tiegħu" u dan, imbagħad talvolta iseijjah lill-konvenuti fil-kawża jekk jidhirlu. Għar-raġunijiet li ntqalu din il-pretensjoni hi nfondata. Jekk il-konvenuti, huma stess jew permezz ta' ħaddiema inkarigati u diretti minnhom, fil-fatt tefgħu ħamrija — sija pure li, bħala proprjeta, kienet ta' Galea, — fuq art ta' Anastasi, u dan għamluh bla dritt, huwa ċar li Anastasi sata jaġixxa kontra tagħhom u ma kien hemm xejn li legalment jobbligah li jaġixxi kontra Galea jekk hu rritjena (kif jidher inevitabilment li hu rritjena mill-fatt stess li assoċja ruħu miegħu bħala attur) illi għal dak il-fatt illeċitu l-istess Galea ma kellu ebda responsabbilita.

Jingħad ukoll fl-eċċezzjonijiet ta' l-konvenuti illi t-traspożizzjoni tal-ħajt "ma tirrigwarda bl-ebda mod lill-attur Anastasi u fuq dan il-ħajt Anastasi ma jistax jitlob dak li talab fiċ-ċitazzjoni ċioe li huma jneħħu l-ħajt . . ." Din id-deduzzjoni ma hiex fondata. Jekk hu veru illi, bil-bini tal-ħajt, il-konvenuti nvadew art ta' Anastasi, ħadd ċertament ma jista' jinnegalu d-dritt li hu jaġixxi kontra tagħhom appuntu biex iġiegħelhom ineħħu dak li għamlu illeċitament bi ħsara tiegħu.

Mill-fatti kif esposti fiċ-ċitazzjoni jidher li l-interess tażżewġ atturi u l-oġġett essenzjali li għalih hi diretta l-kawża hu wieħed u identiku għaż-żewġ atturi; u ċioe li jiġi konstatat illi għall-invażżjoni tal-proprjeta u għall-ingombru lamentati huma unikament responsabbli l-konvenuti. Jekk dan jirriżulta (u din hi kwistjoni tal-meritu) l-oġġett tad-domandi jsegwi bħala konsegwenza legali.

Il-fatt li l-konvenuti jikkonċedu kif intqal, illi, kieku Anastasi aġixxa kontra Galea (kif huma jgħidu li messu) danna kien ikun jista' jikkjamhom fil-kawża, juri illi huma ma jikkontestawx "l-interess ġuridiku" li kull waħda mit-tliet partijiet involuti f'din il-kawża fil-fatt għandha fiha. Iżda l-pretensjoni tagħhom li huma ma messhomx kienu konvenuti mill-bidu, bażata fuq l-unika raġuni illi Anastasi ma kellux azzjoni diretta kontra tagħhom, hi, għar-raġunijiet fuq esposti, infondata. Ġa la darba, l-istess Anastasi jaqbel ma Galea li l-lesjoni ta' dritt sofferta mill-istess Anastasi u li f'ċirkostanzi oħra setgħat tirrendi responsabbli lejh anki lill-istess Galea, fil-fatt, fil-każ preżenti, ġiet kawżata biss mill-konvenuti u r-responsabbilita għar-rejintegrazzjoni tagħha tmiss lilhom biss, ma kien hemm ebda raġuni legali għaliex Anastasi kellu jagħmel lill-Galea konvenut, minflok ma jassoċja ruħu miegħu bħala attur.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti (bla ma tidħol fi kwistjonijiet oħra ukoll sollevati mill-appellanti) tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi nulla u tirriġetta minflok l-eċċezzjoni tal-konvenuti ta' l-inamissibilita ta' l-azzjoni kif esperita b'li spejjeż kontra l-istess konvenuti u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.